# Beati u Qaddisin...Novembru

## Il-Qaddisin Kollha 1 ta' Novembru

Il-Knisja hija qaddisa: waqqafha Kristu u ried li kull membru jhabrek biex jitqaddes. Dan il-ghan wiehed jista' jilhqu, u dan grazzi ghall-merti tal-passjoni u l-qawmien ta' Sidna Gesu' Kristu. Bil-festa tal-lum il-knisja tipproponilna li kull nisrani jhares lejn l-ezempju tan-nies li marru qabilna ghand il-Mulej u fuqu jimxi.



Ta' min izomm fi hsiebu li qaddisin ma nitwildux, izda nsiru bit-tahbrik taghna. Il-harsien tal-ligi t'Alla tmexxina lejn il-qdusija u l-ezempju tal-qaddisin ikaxkarna. Is-sema hi mimlja qaddisin kemm dawk li nafu u nonoraw kif ukoll dawk li ma nafux bihom, izda li qed igawdu lil Alla ghal eternita'.

Nota ta' interess dwar din il-festa huwa l-fatt li fil-bidu kienet iccelebrata fit-13 ta' Mejju u l-bidu taghha kien fis-sena 609, izda il-Papa Sistu IV fuq l-influwenza ta' l-anglosassoni u l-francizi qalibha fl-1 ta' Novembru. Dan sehh fis-sena 1475.